MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Rikors Numru. 587/2014

**It-Tabib Joseph Portelli Demajo**

**u martu Joanna Portelli Demajo**

**vs**

**Olven Mangion bhala Direttur ghan-nom**

**u in rapprezentanza tas-socjeta`**

***Pool & Spa Supplies Limited***

**u Emanuel Barun u martu Lourdes Barun**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-2 ta' Lulju, 2014, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti:

1.1. Illi b'sentenza datata t-8 t'Ottubru, 2002, (ara foll 32), l-intimat odjern, Olven Mangion ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` *Pool & Spa Supplies Limited*, kien kanonizzat kreditur tar-rikorrenti odjerni fis-somma ta' hmistax -il elf u zewg Ewro, (€15,002.00), oltre l-imghax legali u l-ispejjez gudizzjarji;

1.2. Illi l-intimat *nomine* ghadu sallum ma hallas xejn mill-ammont minnu hekk dovut;

1.3. Illi r-rikorrenti ghad ghandhom interess li jesegwixxu l-istess sentenza u jottjenu l-hlas dovut skont l-istess;

1.4. Illi mid-data tas-sentenza fuq riferita ghaddew aktar minn ghaxar (10) snin, u ghalhekk din m'ghadiex aktar ezegwibbli hlief bl-awtorita` tal-qorti *a tenur* tal-artiklu 258 (a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.5. Illi ghaldaqstant qed jadixxu din il-qorti u jitolbu li din:

1.5.1. Tordna l-esekuzzjoni tas-sentenza fuq riferita datata t-8 t'Ottubru, 2002;

1.5.2. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2.0. Rat in-nota ta' Olven Mangion *nomine* datata t-12 t'Awissu, 2014, li permezz taghha rrileva sintetikament is-segwenti:

2.1. Illi s-socjeta` minnu rapprezentata ilha ma topera ghal madwar ghaxar (10) snin u hi meqjusa *non-operative company*;

2.2. Illi rigward l-imghax legali mitlub mir-rikorrenti jigi rilevat li dan:

2.2.1. La kien mitlub fl-atti originali riferiti; u

2.2.2. Lanqas ma kienu hemm imsemmija;

3. Semghet lix-xhud prodott;

4. Rat in-nota tar-rikorrenti datat t-28 ta' Novembru, 2014, li permezz taghha gie rilevat li l-intimati gew debitament notifikati;

5. Tirrileva li l-intimati huma fi stat ta' kontumacja;

6. Ikkonstatat li l-perjodu moghti lill-intimati biex jesprimu ruhhom skont il-ligi fir-rigward ghadda inutilment;

7. Ezaminat id-dokumenti prodotti;

8. Semghet it-trattazzjoni orali finali ta' l-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

9. Illi minn ezami tad-dokumenti prodotti u mix-xhieda prodotta jirrizulta li t-talbiet minnhom prodotti huma debitament pruvati;

10. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess:

**DECIDE:**

10.1. Tilqa` t-talbiet tar-rikorrenti;

10.2. Tordna l-esekuzzjoni tas-sentenza fl-ismijiet Portelli Demajo et vs. Mangion *nomine* et, Citazzjoni Numru 602/1995/2 per Onerevoli Imhallef Anton Depasquale, datata it-8 t'Ottubru, 2002;

10.3. Bl-ispejjes kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------